

TESTI ADOTTATI**P6_TA(2007)0011****Protezzjoni lill-passiġġieri minn bagalji maqlugħa minn posthom *****

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Komunità rigward l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni ta' sistemi ta' partizzjoni biex jipproteġu lill-passiġġieri minn bagalji maqlugħa minn posthom forniti bħala tagħmir mhux oriġinali mal-vetturi (11523/2006 — C6-0346/2006 — 2006/0035(AVC))

(Proċedura ta' kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11523/2006) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra t-talba għal kunsens mill-Kunsill bi qbil ma' l-Artikolu 4(2), it-tieni inċiż, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE (C6-0346/2006) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 75(1) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Komitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0473/2006),

1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għad mhix ippublikata fil-ĠU.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bl-għan ta' adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, għal tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhflu fuq u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għal rikonoxximent reċiproku ta' approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim 1958 Riveduta") (ĠU L 346, 17.12.1997, p.78).

P6_TA(2007)0012**L-approvazzjoni ta' vetturi relatat mal-qasam tal-viżjoni tax-xufier tal-vettura *****

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill relatata mal-pożizzjoni tal-Komunità dwar l-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni ta' vetturi relatat mal-qasam tal-viżjoni tax-xufier tal-vettura (11522/2006 — C6-0347/2006 — 2006/0041(AVC))

(Proċedura ta' kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11522/2006) ⁽¹⁾,

⁽¹⁾ Għad mhix ippublikata fil-ĠU.